MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 880/2009/1

**Felicity Muscat**

**v.**

**(1) Direttur tal-Finanzi; u**

**(2) Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici datat 11 ta' Settembru 2009, li jaqra hekk:

"1. Illi r-rikorrenti hija l-armla soppraviventi tal-Onorevoli Pierre Muscat li serva fil-Kamra tar-Rapprezentanti bejn il-perijodu tas-16 ta' Jannar 1978 sas-16 ta' April 1990, *ossia* fit-tliet legislaturi li b'kollox ghamel bhala Deputat tal-Kamra tar-Rapprezentanti tnax-il sena u disghin gurnata.

"2. Illi l-imsemmi Onorevoli Pierre Muscat miet fis-16 ta' April 1990.

"3. Illi l-imsemmija rikorrenti fl-14 ta' Novembru 1992, izzewget lil Noel Cacciatolo, liema zwieg gie dikjarat null mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2007, biex b'hekk hija regghet saret l-armla tal-Onorevoli Pierre Muscat stante illi *quod nullum est nullum producit effectum.*

"4. Illi *a tenur* tal-**Kap. 280 tal-Ligijiet ta' Malta**, l-Onorevoli Pierre Muscat gjaladarba serva ghal iktar minn zewg legislaturi li b'kollox kien jammontaw ghal iktar minn hamsa u sittin xahar hija ghalhekk biex tircievi pensjoni bhala l-armla tieghu *stante* illi fil-hin ta' mewtu, l-Onorevoli Pierre Muscat kien intitolat ghal pensjoni taht il-**Kap. 280** fuq imsemmi.

"5. Illi l-attrici ghalhekk *a tenur* tal-**artikolu 7** tal-istess **Kap. 280 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif emendat bl-**Att Numru V tal-1996** fil-hin ta' mewtu, kienet intitolata biex tircievi din il-pensjoni tal-Membri tal-Parlament skont il-Ligi.

"6. Illi *a tenur* tal-istess **Att numru V tal-1996**, il-Membri tal-Parlament inkluz il-membri tal-Parlament li kienu irtirat u kienu jaqghu taht l-ambitu tal-Ligi u r-romol taghhom bdew jircievu pensjoni minghand il-konvenuti mill-1 ta' Jannar 1995, bl-awmenti regolari *a tenur* tal-istess Ligi.

“7. Illi ghalhekk l-attrici hija ntitolata biex tircievi l-arretrati kollha tal-pensjoni mill-1 ta’ Jannar, 1995, *a tenur* tal-**Att Numru V tal-1996 li emenda l-Kap. 280 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

“8. Illi fil-fatt hija bdiet tippercepixxi l-pensjoni bhala l-armla tal-Onorevoli Pierre Muscat mill-25 ta’ Novembru 2008, liema pensjoni hija dovuta lilha taht l-**Kap. 280 tal-Ligijiet ta’ Malta** meta effettivament il-konvenuti kellhom jikkreditawha l-arretrati kollha dovuti lilha mill-1 ta’ Jannar 1995, gjaladarba l-Onorevoli Pierre Muscat miet fis-16 ta’ April 1990 u fil-hin ta’ mewtu kien intitolat ghal pensjoni taht dan l-**Kap. 280**.

“9. Illi l-konvenuti minkejja illi gew interpellati b’ittra ufficjali tat-2 ta’ April 2009, biex ihallsuha l-arretrati kollha dovuta lilha mill-1 ta’ Jannar 1995, sal-24 ta’ Novembru 2008, baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

“10. Illi skont l-**At V tal-1996 ossia Artikolu 5 ta’ l-istess At** jistipula illi l-ebda arretrati minima dovuti ghaz-zmien qabel l-1 ta’ Jannar 1995, taht id-disposizzjonijiet tal-istess Att ergo l-arretrati huma dovuti lill-attrici minn din l-istess data ‘l quddiem.

“11. Illi ghalhekk skont l-istess **Att V tal-1996 li emenda l-Kap. 280 tal-Ligijiet ta’ Malta**, hija ghandha tircievi l-arretrati kollha dovuti lilha mill-1 ta’ Jannar 1995, ‘il quddiem sa l-24 ta’ Novembru 2008, *stante* illi m’hemm ebda raguni skont il-Ligi ghaliex hi m’ghandhiex tircievi l-istess arretrati oltre’ li l-konvenuti m’ghandhom ebda dritt biex icahhduha mill-istess arretrati tal-pensjoni dovuti lilha u d-dritt taghha biex tircievi tali pensjoni bhala l-armla ta’ Membru tal-Parlament ma jiskattax mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni biex tiehu l-beneficcju dovut lilha skont il-ligi u dan *stante* li d-dritt taghha biex tircievi dawn l-arretrati u pensjoni johrog mill-istess **Kap. 280 kif emendat bl-Artikolu 5 ta’ l-Att V tal-1996**.

“12. Illi ghalhekk intom moruzi fil-hlas tal-arretrati dovuti lilha mill-1 ta’ Jannar 1995, sal-24 ta’ Novembru 2008, *a tenur* tal-**Kap. 280 tal-Ligijiet ta’ Malta**, *stante* illi hija tikkwalifika bhala l-armla tal-Onorevoli Pierre Muscat biex tircievi l-pensjoni dovuta lilha *a tenur* tal-istess Ligi kif emendata bl-att V tal-1996 u dan mill-1 ta’ Jannar 1995.

“Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi r-rikorrenti bhala l-armla soppraviventi tal-Onorevoli Pierre Muscat fil-hin ta’ mewtu kienet intitolata ghal pensjoni taht il-**Kap. 280 tal-Ligijiet ta’ Malta**, **kif emendat bl-At V tal-1996** hija ntitolata li tircievi pensjoni *a tenur* tal-istess **Ligi ossia l-Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament u dan mill-1 ta’ Jannar 1995**.

“2. Tikkundanna lill-konvenuti intimati biex ihallsu lill-attrici l-arretrati tal-pensjoni dovuta lilha bhala l-armla tal-Onorevoli Pierre Muscat u dan skont l-**Kap. 280 tal-Ligijiet ta’ Malta kif emendat bl-Att V tal-1996** u dan ghal perijodu mill-1 ta’ Jannar 1995 sal-24 ta’ Novembru 2008.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ April 2009 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi preliminarjament id-Direttur Generali tas-Sigurta` Socjali mhux il-legittimu kontradittur *stante* li mhux l-awtorita’ kompetenti biex jevalwa jekk persuna hi ex intitolata biex tippercepixxi pensjoni tas-servizz *ai termini* tal-**Att Dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament (Kap 280) tal-Ligijiet ta’ Malta** u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrent qed tipprova timpunja decizjoni amministrattiva li hi ma tithallasx pensjoni ta’ armla minn 1995 ‘il quddiem, l-azzjoni hija perenta fit-termini tal-**artikolu 469 A sub-artikolu (3) tal-Kap. 12**.

“3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, *semmai* l-azzjoni attrici hija preskritta fit-termini tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

“4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija preskritta fit-termini tal-**artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

"5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jirrispingu l-pretensjonijiet vantati kontra taghhom bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li fil-perjodu in kwistjoni jirrizulta li r-rikorrenti kienet mizzewga lil terza persuna u ghalhekk ma kellhiex l-istat civili ta' armla; apparti l-fatt li jirrizulta li r-rikorrenti qatt ma ghamlet applikazzjoni appozita biex tippercepixxi din il-pensjoni *a tenur* tal-**Kap 280**. Ghaldaqstant ebda arretrati m'huma dovuti u ghalhekk hija stess *de facto* akkwiexxit li ma kellhiex *status* ta' armla dak iz-zmien.

"6. Illi ghandu jinghad li l-mument relevanti meta jigi kkalkulat jekk persuna li tkun applikat ghall-pensjoni ghandhiex dritt ghall-pensjoni huwa l-mument meta kellha tithallas dik il-pensjoni, u ghalhekk jekk persuna abbazi tac-cirkostanzi f'dak il-mument ma jkollhiex dritt ghal dak il-hlas hija ma tistax takkwista dak id-dritt b'mod retroattiv minhabba bdil sussegwenti tac-cirkostanzi.

"7. Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent ma jista' jkollha ebda pretensjoni ghall-pensjoni ta' armla ta' Membra Parlamentari rigward il-perjodu bejn l-14 ta' Novembru 1992 sal-5 ta' Ottubru 2007 *stante* li hija matul dak il-perjodu kienet f'relazzjoni ta' zwieg ma' terza persuna u ghalhekk l-istatus attwali taghha f'dak il-perjodu ma kienx ta' armla.

"Huwa ovvju li anki zwieg li sussegwentement jigi dikjarat null xorta wahda johloq effetti civili bhal, per ezempju, il-legittimita' tat-tfal u l-komunjoni tal-akkwisti li xorta trid tigi likwidata bejn il-partijiet.

"Id-Dipartiment mexa altru milli ragonevoli u ta l-beneficcju tad-dubju lir-rikorrent meta kkunsidraha bhala armla meta annullat iz-zwieg allavolja hija kienet iddekadiet minn dak l-istatus meta zzewget.

"8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 2011, li in forza taghha l-kawza giet deciza fis-sens li gej:

"... ... billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur, u fil-waqt li tichad l-eccezzjoni tal-

intimati li l-azzjoni hija perenta a bazi tal-**artikolu 469 A (3) tal-Kap. 12** ghaliex tali eccezzjonijiet huma bla ebda bazi u mhux applikabbli ghall-azzjoni odjerna, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 u 2156 (f) tal-Kap. 16,** ghaliex tali preskrizzjonijiet eccepiti ma japplikawx ghall-azzjoni odjerna kif hawn deciz, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-intimati kontenuti fir-risposta guramentata taghhom datata 2 ta' Dicembru 2009, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti bhala l-armla soppraviventi tal-Onorevoli Pierre Muscat fil-hin ta' mewtu kienet intitolata ghall-pensjoni taht il-**Kap. 280 tal-Ligijiet ta' Malta**, **kif emendat bl-Att V tal-1996,** u hija ntitolata li tircievi pensjoni *a tenur* tal-istess Ligi ossia **l-Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament** u dan mill-1 ta' Jannar, 1995.

"2. Tikkundanna lill-konvenuti intimati biex ihallsu lill-attrici l-arretrati tal-pensjoni dovuti lilha bhala l-armla tal-Onorevoli Pierre Muscat u dan skont l-**Kap. 280 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att V tal-1996** u dan ghal perjodu mill-1 ta' Jannar 1995 sal-24 ta' Novembru 2008.

"Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' April 2009 kontra l-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob lill-konvenuti intimati biex ihallsu lill-attrici l-arretrati tal-pensjoni dovuta lilha bhala l-armla tal-Onorevoli Pierre Muscat u dan skont il-**Kap. 280 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att V tal-1996** u dan ghal perijodu mill-1 ta' Jannar 1995 sal-24 ta' Novembru 2008.

"Illi jirrizulta li l-Onorevoli Pierre Muscat kien mizzewweg lill-attrici, u serva fil-Kamra tar-Rappresentanti ghall-perjodu bejn is-16 ta' Jannar 1978 u s-16 ta' April 1990, u miet fis-16 ta' April 1990, u allura la darba huwa kien serva bhala membru parlamentari ghaz-zmien indikat fl-**artikolu 4 (1) tal-Kap. 280** allura l-armla tieghu, attrici odjerna qed tallega li hija intitolata li tircievi l-pensjoni skond l-**artikolu 7 (1) u (2) tal-Kap. 280** kif emendat bl-**Att Numru V tal-1996** u dan

jinkludi l-arretrati mill-1 ta' Jannar 1995, kif provdut fid-disposizzjoni transitorja tal-istess Att tas-sena 1996 ai termini tal-**artikolu 5.**

"Illi jirrizulta li l-attrici zzewget lil Noel Cacciotolo fl-14 ta' Novembru 1992, u z-zwieg gie dikjarat null b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 5 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet **"Felicity Cacciotolo vs Noel Cacciottolo"** (R.G. Numru 71/07/JA – Dok. "FM 2") u wara tali decizjoni l-attrici marret id-Dipartiment sabiex tircievi l-pensjoni, u fil-fatt, wara li ufficjali tad-Dipartiment tat-Tezor talbuha tissottometti d-dokumentazzjoni relattiva, konsistenti fic-certifikat tal-mewt ta' zewgha, taz-zwieg sussegwenti taghha, u tad-decizjoni ta' annulament tal-istess zwieg.

"Illi wara hija irceviet il-pensjoni b'effett mill-24 ta' Novembru 2008, minkejja li Grace Micallef mill-istess Dipartiment tat-Tezor (xhieda tat-23 ta' Frar 2010) sostniet li l-attrici kienet qed tippretendi li ghandha tithallas pensjoni mid-data tal-mewt ta' zewgha u cjoe' mis-16 ta' April 1990 sad-data attwali, u tali pretensjoni saret allegatament a bazi tal-**Kap. 380**.

"Illi skond l-istess xhud sar hlas biss mid-data tal-24 ta' Novembru 2008 u dan sehh skond l-istess rappresentanta tad-dipartiment minghajr ma inhadet konsiderazzjoni tad-disposizzjoni transitorja tal-**Att V ta' l-1996.** Skond l-istess xhud kien hemm hames romol li meta dahlet fis-sehh il-Ligi fl-1996 kienu hadu l-pensjoni u l-arretrati mill-1 ta' Jannar 2005 (Grace Micallef – 27 ta' April 2010 – fol. 47) u dawn gew intitolati ghal tali arretrati biss bis-sahha tal-istess **Att V ta' l-1996,** u fil-fatt inghad li *"r-rikorrenti hija l-unika armla li ma haditx il-pensjoni mill-1 ta' Jannar 1995 u bdiet tiehu l-pensjoni taghha mill-24 ta' Novembru 2008".* (fol. 47).

"Illi l-istess Grace Micallef ikkonfermat li *"fil-kaz tar-romol ma saritx applikazzjoni biex jiehdu l-pensjoni bl-arretrati. Li gara li wara li ghaddiet il-ligi ntbaghtu 'l hekk imsejha s-"schedule of service" ta' kull deputat flimkien ma' dokumenti ohra u min-naha taghna bdejna nipprocessaw id-dokumenti. Il-pensjoni ta' dawn ir-romol wara li giet mahruga l-ligi giet mibghuta awtomatikament lilhom".* Jidher li fil-kaz tal-attrici dawn id-dokumenti ma ntbaghtux u jidher li d-Dipartiment sar jaf bil-kaz tal-attrici biss wara li l-attrici stess avvicinathom l-ewwel darba fis-sena 2008. Irrizulta wkoll li dawn id-dokumenti jintbaghatu mill-*"clerk of the House of Rappresentatives".*

"Illi jirrizulta wkoll mill-affidavit ta' l-imsemija Grace Micallef, Principal fid-Dipartiment tat-Tezor (Dok. "GM" – 6 ta' Mejju 2010) li tali romol hemm imsemmija gew intitolati li jircievu tali pensjoni bl-arretrati mill-1 ta' Jannar 1995 b'effett tal-emenda tal-**Att V tal-1996,** u r-romol l-ohra (hlief l-attrici) kollha ircevew tali hlas immedjatament wara li d-Dipartiment ircieva l-imsemmija

*Schedule of Service* mill-iskrivan tal-Kamra tad-Deputati – l-attrici ma rceviet xejn ghaliex fil-kaz taghha d-Dipartiment ma ircieva xejn. Jinghad li wara li l-attrici marret id-dipartiment u kellmet lix-xhud fl-24 ta' Novembru 2008, *"gie deciz mid-dipartiment li peress li Felicity Muscat kienet fil-fatt izzewget lil Noel Cacciatolo fis-16 ta' Novembru 1992 skont l-Att taz-Zwieg li jgib in-Numru Progressiv ta' Iskrizzjoni 1981 tan-1992 (Dok. A) ma kinitx intitolata stante li f'dak il-perjodu ma kinitx armla ta' Pierre Muscat".* Dan, il-Qorti tinnota, li ma huwa differenti minn dak li xehdet viva voce qabel l-istess xhud.

"Illi l-istess xhud qalet:-

> *""Nispjega wkoll li sabiex armla ta' Membru Parlamentari tibda tircievi l-pensjoni tas-servizz id-dipartiment irid jigi a konoxxenza tal-kaz u dan permezz ta' talba f'dan is-sens. Din mhiex procedura awtomatika. Qatt ma kienet. Dan peress li d-dipartiment ghandu obbligu li jevalwa kull talba li ssir u wara li jaghmel dan trid tingieb l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi."*

"Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali fejn qed isostni li huwa ma huwiex il-legittmu kontradittur, din il-Qorti thoss li ghalkemm jirrizulta li skond l-**artikolu 9 tal-Kap. 280** huwa l-Ministru tal-Finanzi li huwa inkarigat mill-amministrazzjoni ta' dan l-Att, izda huwa minnu wkoll li sabiex tigi kkalkolata l-istess pensjoni jridu jsiru l-aggustamenti fil-pensjoni tal-attrici skond l-**artikolu 2 u 33 tal-Kap. 318** u dan jirrizulta anke mix-xhieda ta' George Cremona, *principal officer* fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali datata 27 ta' April 2010, u apparti dan l-**artikolu 4 (3) tal-Kap. 280** jirreferi ghad-disposizzjonijiet relattivi tal-**Att dwar is-Sigurta' Socjali** ghall-pensjonijiet ukoll taht l-**Kap. 280** u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali qed tigi michuda.

"Illi wara li din l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata din il-Qorti wara li rat il-fatti kollha tal-kaz migjuba quddiemha thoss li permezz tal-**Kap. 318** kif emendat bl-**Att 5 tal-1996,** l-attrici hija intitolata bil-Ligi, sabiex tircievi l-pensjoni bhala armla ta' membru parlamentari skond id-disposizzjoni tal-**artikolu 7 (1) (2) tal-Kap. 318,** ghaliex fid-data tal-mewt hija kienet armla tal-istess mibki deputat tal-kamra tar-rappresentanti ghaz-zmien indikat fl-**artikolu 4 (1)** tal-istess Kap.

"Illi l-kliem tal-Ligi stess huwa car f'dan is-sens ghaliex l-**artikolu 7 (1)** jipprovdi espressament li *"armla jew armel ta' membru li fil-hin ta' mewtu kien intitolat ghal pensjoni taht dan l-Att, huma intitolati li jircievu pensjoni…"* u dan minghajr ebda htiega ta' applikazzjoni. Infatti dan il-perkors gie adottat mid-Dipartiment tat-Tezor fil-kaz tar-romol l-ohra kollha, u kien wara li rcieva dak li huwa indika bhala *Schedule of Service* mill-iskrivan tal-Kamra tar-Rapprezentanti, li hallas

tali arretrati lill-imsemmija hames romol ohra, izda mhux lill-attrici, u jidher car li l-attrici ma hallashiex ghaliex ma rcevihx id-dokumenti minghand l-Iskrivan tal-Kamra tar-Rapprezentanti. Ix-xhieda ta’ Grace Micallef li tali pensjoni hija dovuta u thallset meta ssir it-talba la hija korretta fattwalment u lanqas legalment, ghaliex il-Ligi ma tesigi l-ebda applikazzjoni u fil-kaz tal-hames romol l-ohra li rcevew l-arretrati jirrizulta li ma kien hemm ebda talba jew applikazzjoni, u dan certament jista’ jinghad minn dak li jirrizulta mill-atti processwali tal-kawza odjerna.

“Illi mela allura l-Ligi ma tesigiex li ssir l-ebda applikazzjoni *da parte* tal-armla, u d-Dipartiment innifsu din qatt ma esegieha fil-kazijiet l-ohra li kienu jaqghu taht il-**Kap. 280** kif emendat fl-1996. Id-Dipartiment ma hallasx lill-attrici biss ghaliex ma rceviehix id-dokumenti mill-Iskrivan tal-Kamra tar-Rapprezentanti u ghall ebda raguni ohra u f’dan is-sens hija x-xhieda ta’ Grace Micallef specjalment dik *viva voce.*

“Illi mela allura bhal Ligi sostantiva jirrizulta li l-attrici bl-emenda tal-1996 giet u kienet intitolata li tircievi tali pensjoni mid-data tal-1 ta’ Jannar 1995, la darba z-zwieg taghha ma’ Noel Cacciotolo gie ddikjarat null permezz ta’ decizjoni tal-Qorti datata 5 ta’ Ottubru 2007, u dan ghaliex f’kaz ta’ annulament taz-zwieg huwa meqjus mill-Ligi li z-zwieg hekk annulat qisu qatt ma kien jezisti jew sehh u dan a bazi tal-principju *“quod nullum est nullum prodocit effectum”.*

“Illi ma hemm l-ebda dubju li tali dritt jemani mil-Ligi u allura ma huwiex il-kaz ta’ ghemil amministrattiv u ghalhekk dan ma huwiex kaz fejn hemm l-applikazzjoni tal-**artikolu 469 A tal-Kap. 12** u dan anke ghaliex, kontrarjament ghal dak sottomess mid-Direttur tal-Finanzi, l-azzjoni odjerna ma hijiex ibbazata fuq xi allegata cahda tal-applikazzjoni tal-attrici ghall-arretrati tal-pensjoni mertu tal-kawza odjerna, izda jidher li l-azzjoni attrici hija ppremjata fuq dritt naxxenti mil-Ligi li gie applikabbli ghall-attrici bl-imsemmi **Att V tal-1996.**

“Illi fil-fatt tali dritt jemani u johrog mill-Ligi u mhux dipendenti fuq xi applikazzjoni ta’ l-attrici jew xi persuna ohra intitolata. Allura l-azzjoni attrici hija biss intiza sabiex tigi applikata l-Ligi fil-konfront taghha u mhux sabiex jigi attakat xi allegat eghmil amministrattiv rizultanti mic-cahda allegata; dan apparti l-fatt li effettivament cahda ma kienx hemm *da parte* tal-istess Direttur tal-Finanzi, li fil-verita’ kull ma ghamel kien biss li ma baghatx l-imsemmija arretrati u ma rrispondiex ghall-ittra ufficjali datata 2 ta’ April 2009 (jekk irrisponda din ir-risposta ma hijiex in atti).

"Illi ssegwi ghalhekk li allura lanqas l-eccezzjoni moghtija a bazi tal-**artikolu 469 A tal-Kap. 12** li l-azzjoni ma saritx fi zmien sitt xhur indikati fl-**artikolu 469 A (3)** ma tista tigi milqugha u dan ghaliex din ma hijiex azzjoni ta' stharrig amministrativ jew wahda ta' *judicial review.*

"Illi giet eccepita wkoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** izda din l-preskrizzjoni ma tapplikax ghall-kaz in ezami ghaliex din mhix azzjoni bbazata fuq kulpa akwiljana. Ghalhekk din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi michuda.

"Illi giet eccepita wkoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** izda din ukoll ma tapplikax ghall-kaz in ezami stante li l-azzjoni attrici ma hijiex ibbazata fuq relazzjoni kuntrattwali u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"Illi fuq il-mertu din il-Qorti ma taqbilx mal-posizzjoni tal-intimati fis-sens li l-istess qed isostnu li  tali dritt ta' pensjoni mertu tal-kawza odjerna jibda japplika biss mid-data tal-applikazzjoni ghaliex il-Ligi dan ma tipprovdiex, izda tali dritt johrog mill-Ligi stess u l-attrici kienet armla skond id-definizzjoni tal-Ligi, fil-mument relattiv tal-mewt ta' zewgha li kien membru tal-Kamra tar-Rappresentanti, u hekk baqghet is-sitwazzjoni la darba z-zwieg taghha ma' Noel Cacciotolo gie ddikjarat null b'sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat. Lil din il-Qorti jirrizultalha li l-pensjoni ma thallsitx lill-attrici b'arretrati kollha dovuti, kif thallsu romol ohra, biss ghar-raguni li l-Iskrivan tal-Kamra tar-Rappresentanti ma baghatx, meta gie fis-sehh l-**Att V tal-1996,** *is-schedule of service* ta' zewgt l-attrici, bhal ma baghat ta' membri ohra, u kien ghalhekk li mbaghad l-affarijiet svolgew kif svolgew, li fl-ahharnett wasslu ghal din l-azzjoni attrici.

"Illi dwar l-effett ta' nullita' taz-zwieg jinghad li dan huwa dak indikat f'din is-sentenza u dak indikat fis-seba' (7) eccezzjoni certament ma jibdel xejn ma' dan l-istat ta' fatt u ghalhekk l-eccezzjonijiet l-ohra fil-mertu qed jigu wkoll michuda u t-talbiet attrici qed jigu milqugha."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"… … thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Felicity Muscat v. Direttur tal-Finanzi u Direttur tas-Sigurta` Socjali** (Rik.

> Gur. Nru 880/2009RCP), deciza fl-4 ta’ Ottubru 2011 u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellanti konvenuti u b’hekk tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-imsemmija attrici appellata.”

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi mhux kontestat illi l-attrici, bhala l-armla ta’ deputat parlamentari li serva ghal aktar minn zewg legislaturi li b’kollox kienu jammontaw ghal aktar minn 65 xahar, hija intitolata ghall-pensjoni skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament (Kap. 280 tal-Ligijiet ta’ Malta). Il-veru punt kontrovers fil-kawza huwa jekk l-attrici ghandhiex dritt ghall-pensjoni ghall-perjodu mill-14 ta’ Novembru 1992, meta l-attrici, armla minn Pierre Muscat, izzewget lill-Noel Cacciattolo sal-5 ta’ Ottubru 2007, meta dan it-tieni zwieg tal-attrici gie annullat b’sentenza tal-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja. Kien hemm kwistjonijiet ohra relatati mat-talba attrici, fosthom eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni, u eccezzjoni ohra fis-sens li l-pensjoni, f’kull kaz, trid tittiehed

minn meta ssir talba ghal hekk, u mhux b'mod awtomatiku mal-mewt tad-deputat koncernat. Dawn il-kwistjonijiet, f'forma ta' eccezzjonijiet, gew michuda kollha mill-ewwel Qorti, u ghalkemm il-konvenuti appellanti qed jitolbu r-revoka tas-sentenza kollha, ma ressqu ebda aggravju specifiku marbut ma' dawn il-kwistjonijiet, (salv il-kwistjoni marbuta ma' minn meta ghandha tithallas il-pensjoni) u din il-Qorti, allura, ma tarax ghaliex m'ghandhiex tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward.

L-ewwel Qorti cahdet ukoll l-eccezzjoni tal-konvenuti fil-meritu marbut mat-tieni zwieg tal-attrici u dan a bazi tal-principju *quod nullum est nullum producit effectum*.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u ressqu zewg aggravji, wiehed marbut mal-prezenza tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali fil-kawza, u l-iehor fuq l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ghall-effetti tat-tieni zwieg tal-attrici.

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti illi, f'din il-kawza kif proposta, ma hemmx htiega tal-prezenza tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali. Ir-rizultat li l-attrici qed tfittex permezz ta' dawn il-proceduri huwa dak li tigbor l-arretrati tal-pensjoni ghaz-zmien bejn l-1 ta' Jannar 1995 sal-24 ta' Novembru 2008, u dan bhala l-armla ta' ex-membru parlamentari. Ghalhekk huwa ovvju li l-unika persuna idonea li tista' tirrispondi

ghal din il-pretenzjoni tal-attrici huwa biss il-Ministru responsabbli ghall-finanzi ghax skont l-Artikolu 9 tal-imsemmi Kap. 280, l-amministrazzjoni tal-ligi dwar il-pensjoni tal-membri parlamentari u r-romol taghhom hija fdata f'idejh, u d-Direttur tas-Sigurta` Socjali m'ghandu ebda rwol fl-ghoti tal-pensjonijiet tar-romol ta' membri parlamentari. Jekk hemm bzonn, b'rizultat ta' din is-sentenza, li jsir aggustament f'pensjoni ohra li qed tircievi l-attrici, dan isehh b'mod awtomatiku skont il-ligi u minghajr htiega ta' ebda intervent gudizzjarju; tant hu hekk li l-attrici stess lanqas talbet xi haga marbuta mal-pensjoni l-ohra li qed tircievi u zgur, allura, li ma tista' tinhareg ebda ordni fir-rigward u li jista' jolqot lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali konvenut.

Ghalhekk din il-Qorti qed tillibera lill-konvenut Direttur tas-Sigurta` Socjali mill-osservanza tal-gudizzju.

Trattat it-tieni aggravju, din il-Qorti tara' li zwieg li jigi annullat ma jistax jitqies bhal li qisu qatt ma sar, jew zwieg inezistenti. Il-kuntratt ta' zwieg huwa annullabbli, jigifieri jezisti u jsehh sakemm ma jigix mhassar jew imwaqqa' ghal xi raguni li ssemmi u trid il-ligi. Zwieg, hekk imsejjah putattiv, mhux milqut b'nullita` assoluta izda jissussisti sakemm, u ad inizzjattiva ta' xi hadd mill-partijiet interessati, ma jigix b'gudikat, annullat. Zwieg annullabbli, jibqa' jitqies validu ghall-effetti kollha tal-ligi jekk ebda parti interessata ma tipprocedi ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` - ara, ghad-differenza bejn nullita` inezistenza u nullita` fis-sens ta' annullabilita` s-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Frar 1936, fil-kawza

fl-ismijiet **Agius v. Ciancio**. Pronuncjament ta’ annullament ta’ zwieg ma jistax normalment jaqbad u jikkancella *ex tunc* ir-rapport konjugali li jkun gie mahluq u kkonservat matul l-ezistenza ta’ dan iz-zwieg.

Tradizzjonalment inkwantu ghall-effetti ta’ dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ zwieg kienet issir distinzjoni bejn zwieg annullabbli (voidable) u zwieg null (void) u din id-distinzjoni jidher li ghadha fis-sehh fl-Att taz-Zwieg fejn l-istess Att jitkellem fl-Artikolu 18 dwar in-nuqqas ta’ validita` ta’ zwieg meta ma jigux imharsa l-formalitajiet li trid il-ligi u n-nullita` taz-zwieg ghall-kawzi sostanzjali elenkati fl-Artikolu 19. Fid-duttrina, id-differenza bejn “att null” u “att annullabbli” giet spjegata fis-sens li fil-kaz ta’ att null dan qatt, sa “mill-bidu” tieghu, ma jipproduci effetti legali waqt li fil-kaz ta’ att annullabbli dan hu att li guridikament jibda jipproduci effetti guridici u jibqa’ jipproducihom sakemm jigi annullat mill-Qorti. Inkwantu ghall-att taz-zwieg illum is-sitwazzjoni tal-effetti guridici taz-zwieg f’kaz ta’ dikjarazzjoni ta’ nullita`, kemm fil-kaz ta’ zwieg null kif ukoll fil-kaz ta’ zwieg annullabbli, huma espressament regolati bl-Artikolu 20 tal-Att taz-Zwieg li jirradika l-bazi tad-distinzjoni fuq l-element tal-*buona fede* tal-partijiet jew ta’ xi hadd minnhom u mhux fuq ix-xorta ta’ invalidita` tal-att hux null jew annullabbli.

Fil-fatt, insibu specifikat taht l-Artikolu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg li l-annullament taz-zwieg m’ghandux ihassar dawk l-effetti civili li jkunu nholqu u tkattru fil-kors taz-zwieg bhal perezempju l-komunjoni tal-akkwisti, l-effetti civili patrimonjali, il-legittimita` tal-ulied, id-dritt ghall-alimenti, meta l-partijiet ikunu

in bona fede. Ta’ certu rilevanza huma wkoll id-dibatitti parlamentari li kien saru fuq is-suggett. Infatti, il-Ministru tal-Gustizzja li kien ppilota l-ligi li dahhlet dan il-kuncett taz-zwieg putattiv, f’wiehed mid-diskorsi tieghu (seduta nru. 531 mizmuma fid-29 ta’ Lulju 1981) kien qal li, *“barra minn hekk, qeghdin niehdu hsieb – u dan huwa l-gdid li qed insemmi – li sakemm ikun hemm iz-zwieg ghadu ma giex annullat, dak il-perjodu ghandu, ghall-aspetti civili, jitqies li z-zwieg ezista.”*

Meta l-partijiet jidhlu fiz-zwieg in bona fede, dan, jekk jigi annullat, jissejjah zwieg putattiv, u kif jghid Francesco Galgano (Diritto Privato pagna 768), *“il matrimonio produce anche fra le parti gli stessi effetti di un matrimonio valido fino alla sentenza”*. Li z-zwieg jitqies validu anke ghall-partijiet ifisser li jkollu l-effetti tieghu jibqghu jghoddu sal-annullament. F’dan il-kaz, ma jirrizultax li kien hemm xi mala fede meta sar it-tieni zwieg, biz-zwieg, fil-fatt, jithassar (ara rikors 71/07) ghax meta l-attrici zzewget wara li romlot bi tlett itfal zghar *“ma kinitx f’kundizzjoni li tahseb sewwa dwar dak li kienet se taghmel”*. L-effetti taz-zwieg putattiv jorbtu lill-mizzewgin anke in relazzjoni ma’ terzi, u l-attrici ma tistax, ghall-epoka inkwistjoni, tghid li kienet mizzewga u armla fl-istess nifs. Tul l-ezistenza tat-tieni zwieg, l-attrici tilfet l-istatus ta’ armla, u allura ma tikkwalifikax ghall-pensjoni tar-romol.

Isegwi li darba li mill-14 ta’ Novembru 1992, sal-5 ta’ Ottubru 2007, l-attrici kienet mara mizzewga u mhux armla, hi ma kinitx tikkwalifika ghal pensjoni tar-romol taht l-imsemmi Kap. 280.

Fil-fatt, l-istess attrici tammetti li f’dan il-perjodu ma kinitx armla, tant li fir-risposta taghha ghall-appell tghid illi, wara li t-tieni zwieg gie annullat, *“regghet irritornat ghall-istatus bhala armla”*, li jfisser illi sa dak il-punt ma kinitx “armla”, u dan l-istat ma thassarx bid-dikjarazzjoni ta’ annullament tal-istess zwieg.

Proprju fuq din l-istess tematika ta’ arretrati ta’ pensjonijiet bhalma huwa l-kaz istanti, senjatament, dwar nisa li jergghu jiehdu lura l-istat ta’ armla wara li jkunu kisbu l-annullament gudizzjarju tat-tieni zwieg taghhom, il-gurista awtorevoli Taljan Gianluca Sicchiero, f’pagna 74 tal-opra tieghu, bl-isem, *“Separazione, Divorzio, Annullamento”* (Zanichelli editore S.p.A, 2005), b’referenza ghal sentenza tal-Qorti dei Conti tat-18 ta’ Frar 1988 (nru. 1901 in Giust. Civ 1989, 761) jikteb hekk:

> *“Il conjuge superstite titolare di pensione indiretta di cui e` cessata la corresponsione per effetto del suo passaggio ad altro matrimonio, poi dichiarato nullo, vede risorgere il diritto di pensione in forza del naturale effetto retroattivo della sentenza di nullita` che ripristina lo stato vedovile, anche se la fictio iuris della retroattivita` non puo` travolgere gli effetti e gli status gia` verificatisi e conservati ope legis quali validi; pertanto il ripristino della pensione di reversibilita` potra` aversi a richiesta dell’interessato, solo dopo che la sentenza dichiarativa di nullita` delle seconde nozze sia stata resa esecutiva e trascritta, e sia presentata all’uopo apposita certificazione,* ***e cio` con efficacia ex nunc, senza che sia possibile la retrodatazione dei ratei al momento in cui ne era cessata l’erogazione a seguito delle nuove nozze.****”*

Isegwi li, fis-sitwazzjoni ta’ armla li tkun regghet izzewget hija tkun tista’ terga’ tibda tiehu l-pensjoni tar-romol sa mid-data li s-sentenza tan-nullita` taz-zwieg tghaddi in gudikat. L-effetti li jgib mieghu dan l-annullament taz-zwieg jibdew *ex nunc*, cioe`, mid-data tas-sentenza tal-annullament ’il quddiem. Ma hux possibbli ghal wara, li terga’ tigi armla, li titlob il-hlas tal-arretrati ta’ pensjoni li ma gewx imhallsa jew erogati minhabba c-celebrazzjoni tat-tieni zwieg taghha.

Lanqas jista’ jinghad li l-attrici kienet intitolata b’mod awtomatiku ghall-pensjoni mas-sentenza ta’ annullament tat-tieni zwieg taghha. L-Artikolu 5 tal-Att V tal-1996, li introduca l-pensjoni ghar-romol, jghid li ebda pensjoni ma tinghata ghal zmien qabel l-1 ta’ Jannar 1995, izda ghaz-zmien sussegwenti din id-data, ir-romol iridu juru mhux biss li jikkwalifikaw bhala tali, izda wkoll li ma jahdmux bi qliegh (jekk ikunu taht il-65 sena) u, allura, d-dipartiment koncernat ma jistax jassumi li kull armel jew armla ma jahdimx qabel ma ssir dikjarazzjoni f’dan is-sens fl-applikazzjoni. Hu meta tali dikjarazzjoni ssir, u wara li tigi vverifikata, li l-pensjoni tibda tghaddi. X’seta’ gara precedentement f’dan il-kuntest f’kaz ta’ romol ohra mhux materjali darba li issa din il-Qorti qed tigi mitluba tiddeciedi fuq din il-materja.

Fuq kollox l-iskop ta’ din il-pensjoni, imhallsa lis-superstiti tal-membri parlamentari, hija intiza biex tghin finanzjarjament lil dawk is-supersititi

minhabba li l-membru tal-parlament ikun waqaf new naqqas mix-xoghol tieghu minhabba impenji relatati mal-pozizzjoni tieghu. Jekk is-superstiti terga' tizzewweg, ma titqiesx aktar dipendenti fuq il-pensjoni tal-ewwel ragel taghha, u ma ghandhiex tibqa' tiehu pensjoni li qeghda hemm biex tikkolma t-telf tal-appogg finanzjarju li jkun gej minn zewgha.

Ghalhekk, l-attrici ma tistax titlob l-arretrati ghall-perjodu li hija kienet marbuta bit-tieni zwieg, liema dritt rega' skatta biss bis-sentenza tal-annullament tat-tieni zwieg.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attrici Felicity Muscat appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------